**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 733/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Justin James Grech**

**Illum 14 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Justin James Grech, iben Raymond u Anna neè Bellante, imwieled l-Ingilterra fil-25 ta' April 1981, residenti fil-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0284697(M), talli ġewwa l-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel:

1. Uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew infomrazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex jakkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha;
2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Silvianne D'Amato, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0539787(M);
3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat;

U talli nhar l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs), fil-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk:

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS583 E. Grech, uffiċjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' ħtija ta' l-imputat, il-Qorti tipprovdi għas-sigurta ta' Silvianne D'Amato ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2018, ossia l-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta

a fol. 7 tal-proċess, stqarrija rilaxxata mill-imputat a fol. 8 u 9 tal-proċess, estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat a fol. 10 tal-proċess, il-fedina penali ta' l-imputat a fol. 11 sa' 13 tal-proċess u r-rapport tal-Pulizija Ref. No. NPS 5/I/2445/2018 a fol. 15 sa' 17 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda tal-parte civile Silvianne D'Amato[2] u ta' Maria Dolores D'Amato[3] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 u rat id-dokumenti esebiti minn Silivanne D'Amato markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA7" a fol. 31 sa' 37 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2019[4] u ix-xhieda ta' PS583 Eman Grech mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[5] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "X" a fol. 157 sa' 159 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2019[6] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata bħala Dok. "MB" a fol. 196 sa' 352 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[7];

Rat id-Digriet mogħti fis-27 ta' Mejju 2019[8] permezz ta' liema t-talba ta' l-imputat għar-revoka tal-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-ħelsien mill-arrest avvanzata b'Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2019, ġiet miċħuda;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli ġewwa l-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel: (1) uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew infomrazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex jakkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha; (2) ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil Silvianne D'Amato, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0539787(M); (3) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat; u talli nhar l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs), fil-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk: (4) naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS583 E. Grech, uffiċjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dana in vista tal-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-

[1] Fol. 18 tal-proċess.
[2] Fol. 23 sa' 30 tal-proċess.
[3] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess.
[4] Fol. 109 sa' 113 tal-proċess.
[5] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[6] Fol. 194 u 195 tal-proċess.
[7] Fol. 364 sa' 371 tal-proċess.
[8] Fol. 190 sa' 192 tal-proċess.

Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[9], wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[10].

F'dawn il-proċeduri xehedu l-parte civile Silvianne D'Amato, Maria Dolores D'Amato, l-Ispettur Roderick Attard, PS583 Eman Grech u l-Avukat Dr. Martin Bajada, ilkoll bħala hhieda tal-Prosekuzzjoni, u xehed ukoll l-imputat minn jeddu.

Il-parte civile **Silivanne D'Amato**, illi xehdet waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[11], bdiet ix-xhieda tagħha billi tagħmel referenza għal inċident li nqala' bejnha u l-imputat, illi għarfet fl-Awla waqt is-seduta, xi ġranet qabel u ddikjarat *f'dik il-ġurnata, kienet it-Tlieta tal-ġimgħa l-oħra kont dieħla għax-xogħol u rċevejt telefonata. Kont ilni żmien twil minn mindu ma konniex flimkien jiena u Justin, nirċievi messaġġi u theddid. … L-ewwel staqsieni dwar it-tfal għax qalli "it-tfal ok?" u għedtlu iva tfal ok qegħdin skola. Imbaħgad qalli "naf li biddilt l-accounts" għax jiena kelli nbiddel in-numru tal-mobile, biddilt l-accounts kollha għax beda jarali l-messaġġi u beda jarali r-ritratti kull ma nieħu. Jiena skoprejt hekk għax beda jarali screen shots tal-messaġġi li huma dawn hawnhekk biex nagħtihom lill-avukat għax kellna kawża oħra li ġrat f'Lulju li għadda fejn aħna konna iġġilidna u kien refa' idejh fuqi u ridt nieħu l-iscreen shots biex ovvjament nurihom lill-avukat. Hu ċempilli u qalli "għaliex qed teħodhom dawk is-screen shots?". … B'hekk indunajt li qed jarali kollox. Nerġgħu mmorru għal dik il-ġurnata tat-Tlieta meta ċempilli filgħodu qalli "naf li biddilt l-accounts, xorta qed narahom". Għedtlu "xorta qed tarahom", dik il-ħin infxilt, bdejt nibki u nirtogħod, għedt dik il-battikata kollha li ħadt, biddilt in-numru u kollox u xorta qed jarali l-affarijiet kollha. Imbagħad għedtlu "fejn qiegħed ħa niġi issa ħalli tħassar kollox quddiemi l-accounts tiegħi". Mort għandu ħabbatlu l-bieb, fetaħli l-bieb u dħalt, bdejna nillitkaw biex iħassar l-affarijiet u hekk, sadanittant jien ħadtlu l-mobile u ppruvjat inkissirulu.* Fuq mistoqsija tal-Qorti *semmejtli wkoll xi messaġġi u qed nara li għandek xi karti hemmhekk, x'inhuma dawk?* Silivanne D'Amato wieġebet *messaġġi ta' theddid "ħajtek infern għal għomrok, ħa tpattiha ħafna, jaqbillek tara x'tagħmel u teħodnix biċ-ċajt, inti mhux ħa ddum ħajja."* Għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti *huma ta' ġurnata jew fuq medda ta' żmien?* Silvianne D'Amato wieġbet *no dawk kienu f'Awwissu* u għall-mistoqsija *tul Awwissu?* hija wieġbet *iva dan ilu għaddej biha.* Fir-rigward tad-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA7" a fol. 31 sa' 37 tal-proċess, Silvianne D'Amato ddikjarat li hemm minnhom li kienu messaġġi fuq Instagram u messaġġ ieħor li kien e-mail. B'referenza għall-mobile li kien fil-pussess ta' l-imputat u li hi riedet tkisser, Silvianne D'Amato ddikjarat illi: *dan kien taħuli hu bħala rigal u kont qed nużah normali w imbagħad meta konna ġġilidna, għax l-aħħar li konna flimkien kien f'Lulju ta' din is-sena, kien qalli biex nagħtih l-affartijiet u kont tajtu ħwejġu u kollox u qalli "anki l-mobile rrid għax dak tiegħi", la taħuli hu u ħadu ma baqax għandi u jiena kelli l-accounts kollha miftuħin, bdejt nitolbu biex jagħmilli factory reset imqar għax il-mobile ma ridtux imma jagħlaqli l-accounts però dawn l-affarijiet ma sarux.*

Silvianne D'Amato kompliet tixhed illi in segwitu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejnha u l-impuat, hija bdiet tibża' minnu għaliex *dejjem kien jgħidli "għalaq il-bibien u t-twieqi għax ħa niġi għalik" u jien kont nitwerwer b'żewġt itfal. … Kont mort l-għassa fuq ħafna affarijiet imma qatt ma mort l-għassa għax kien qed jibgħatli dawn il-messaġġi. … ma mortx nagħmel rapport fuq hekk.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *ma mortx, però kien hemm inċidenti minn Lulju sa' Ottubru?* Silvianne D'Amato wieġbet *kien hemm inċidenti imma kont nibża' mmur għand il-Pulizija. … Inċidenti tad-dar, kien jaħseb il-ħin kollu ħażin fija.* Għall-mistoqsija ultejuri *minn Lulju, wara li spiċċajtu r-relazzjoni ta' bejnietkom, minn Lulju sa' Ottubru hu b'xi mod dejjqek jew tak fastidju?* Silvianne D'Amato wieġbet *iva. … L-*

[9] Fol. 7 tal-proċess.
[10] Fol. 18 tal-proċess.
[11] Fol. 23 sa' 30 tal-proċess.

*iktar l-iktar jibgħatli l-messaġġi, jiġini quddiem id-dar f'nofs ta' lejl, eżempju biex jiena mmur ix-xogħol fis-sitta ta' filgħodu tiġi ziti torqod għandi ħalli t-tfal ma inqajjimhomx u nħallihom reqdin u kien igħidli "għaliex hemm zitek rieqda għandek?" u ħafna kliem ħażin u mingħalih li jiena ħriġt u jgħidli "inti lit-tfal ma tħobbhomx għax inti dejjem toħroġ" mentri jiena dejjem id-dar u xogħol biss ħajti.* Mistoqsija x'inċidenti oħra inqalgħu ma' l-imputat u fiex kien jikkonsisti l-fastidju li tallega li kienet issofri minħabba fih, Silvianne D'Amato wieġbet *minn Lulju lil hemm qatt ma reġa' refaġ jdejh fuqi daqshekk ħlief darba kien rewhieli jdejja w affarijiet hekk. … Il-fastidju li kien hemm bħala theddid u affarijiet fuq il-mobile daqshekk u li jiġi quddiem id-dar f'nofs ta' lejl però qatt ma resaq lejja.*

**Maria Dolores D'Amato**[12], li tiġi omm il-parte civile Silvianne D'Amato, ikkonfermat li bintha kellha relazzjoni ma' l-imputat, illi hija wkoll għarfitu waqt il-kors tal-proċeduri. Fir-rigward tar-relazzjoni u konsegwenti sitwazzjoni bejn bintha u l-imputat, Maria Dolores D'Amato ddikjarat: *dawn Justin u Silvianne għandhom żewġt itfal, waħda ħa tagħlaq five f'Mejju u l-ieħor ħa jagħlaq three f'Diċembru. … Ilhom* [mhux flimkien] *mingħalija xi sitt xhur.* Mistoqsija hemmx jew kienx hemm kuntatti bejn bintha u l-imputat Maria Dolores D'Amato wieġebet *bilfors kien hemm minħabba t-tfal kuntatti u dan x'ħin jidhirlu hu jiġi għalihom it-tfal.* Kompliet tgħid *kienet tiġi* [ossia bintha] *tgħidli "ma qed idejjaqni, il-ħin kollu jidħolli fil-mobile, il-ħin kollu ma nista' nkellem lil ħadd". Hu kien il-ħin kollu jċemplilha u jheddidha wkoll.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *inti dawn l-inċidenti, apparti li qaltlek it-tifla, qatt ġraw? Forsi kienet hemmhekk u forsi ġara xi ħaġa quddiemek?* Maria Dolores D'Amato wieġbet *darba minnhom kienet id-dar, ġiet mix-xogħol, fteħilha l-mobile, beda jagħfsilha idejha kemm jiflaħ. … L-aħħar waħda li iġġieldu qabel ma ħassru. … Meta ħassru lil hawn li qed ngħidlek għax kien idejjaqha joqgħod iċemplilha u jibgħatilha l-messaġġi, jekk toħroġ tirċievi messaġġ, igħidilha enjoy u ma tarah imkien dan il-bniedem.* Mistoqsija mill-ġdid mill-Qorti *qed tgħidli x'qaltlek it-tifla, imma quddiemek meta Silvianne tkun id-dar miegħek jew tkun ħdejk, qatt ġara xi inċident?* Maria Dolores D'Amato wieġbet *lili darba rrabjani ħafna għax kien igħidilha "jekk ma tagħtinix l-affarijiet nitlagħlek hemm fuq u inkissirlek kollox". Darba minnhom lili rrabjani u ċempiltlu u naf li kellimtu ħażin għax il-verità u lili heddidni u qalli "niġi u xeba' senter nagħtikom kollha".* Għall-mistoqsija tal-Qorti *meta tkun id-dar Silvianne qatt urietek xi ħaġa jew qatt irċeviet xi ħaġa? Jiġifieri inti b'għajnjek qatt rajthom?* Maria Dolores D'Amato wieġbet *iva ġieli wrietni. … Turini l-messaġġi li kien jibgħatilha "ma baqgħalekx ħajja, inti daqt titlaq, ħajtek nagħmililek infern" dawn l-affarijiet.* Minkejja li qalet li rat dawn il-messaġġi, Maria Dolores D'Amato ddikjarat li quddiemha u fil-presenza tagħha qatt ma semgħet dan it-tip ta' diskors mill-imputat fil-konfront ta' bintha jew tagħha. Iddikjarat ukoll li kienet bintha li temmet ir-relazzjoni ma' l-imputat għaliex *għamlilha black eye f'wiċċha* u mistoqsija *x'kienet imbagħad l-imġiebda ta' Silvianne sa' illum?* Maria Dolores D'Amato wieġbet *hi li kienet tiddejjaq għax idejjaqha ma jgħidx per każu ħa nċemplilha biex jara t-tfal u hekk u dan la jagħtiha manteniment xejn u biex jieħu t-tfal trid tagħtih il-ħobż u l-ħalib għaliex lanqas għandu biex jixtri.*

**L-Ispettur Roderick Attard**[13] iddikjara li *nhar l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ġie ċertu Justin James Grech l-Għassa taż-Żejtun, li jien qed nagħraf hawnhekk bħala l-imputat fejn qalilna jew stqarr, meta ngħid qalilna qed nirreferi għall-Għassa taż-Żejtun, li kien safa aggredit mill-ex sieħba tiegħu Silivanne D'Amato u dan stqarr li kien ġie attakkat b'sikkina. Dak il-ħin ħadnielu l-verżjoni tiegħu u niżżilna okkorrenza, bagħtna għal Silvianne D'Amato u din qaltilna ċertu affarijiet oħra fil-konfront tas-Sur Grech. … Kif ġiet is-Sinjura D'Amato tajnieha d-dritt ta' l-avukat, tajnieha l-caution għaliex din setgħet potenzjalment tinkrimina ruħha imbagħad tat il-verżjoni*

---

[12] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 38 sa' 41 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2019, fol. 109 sa' 113 tal-proċess.

*tagħha li kienet tikkonsisti li ilha żmien li ma kienetx mas-Sur Grech, li meta kienu flimkien kien taha mobile phone bħala rigal imbagħad eventwalment kienu ħassru u s-sur Grech talabha jew ħadilha l-mobile phone li kien taha b'rigal. Ġara li dakinhar fil-frattemp kienu ħassru minn ma xulxinu kienu nbtbagħtu xi messaġġi minn Grech fil-konfront ta' D'Amato fejn f'dawn il-messaġġi Grech kien jalludi li jaf eżatt il-location ta' D'Amato w anki messaġġi oħra intimidatorji li jiena ġejt ippreżentat bihom u li qegħdin esebiti a fol. 31 sa' 37 ta' l-atti. Fihom hemm indikazzjoni li Grech kien jhedded b'dawn il-mezzi ta' telekomunikazzjoni u ngħid ukoll li f'dak il-ħin ordnajt bħala uffiċjal investigatorju l-arrest ta' Grech u anke l-arrest ta' D'Amato u ħadt żewġ verżjonijiet li dawn bażikament ikkonverġew u taw pressopoco l-istess verżjoni li Silvianne ċemplet lil Grech u qaltlu li għandhom bżonn jitkellmu, Grech imbagħad eventwalment qalilha "ismani jekk tkun ġejja ċempilli" però imbagħad D'Amato marret wara l-bieb ta' Grech, ħabtitlu, daħlet ġewwa, sabet il-mobile phone li eventwalment lanqas kien il-mobile phone li kien ingħata b'rigal u reġa ħa lura, qabdet protein shake u bdiet tagħti bih. … Silvianne D'Amato marret ġewwa Triq Marsaxlokk fir-reisdenza fejn kien u għadu jabita is-Sur Grech. Din ħabtet u qabdet u daħlet ġewwa għax kienet fi stat panikuż, qabdet protein shake, sabet mobile phone li kien ingħata preċedentement b'rigal. … Ma kienx dak* [ossia l-wieħed li kien ingħatlha b'rigal] *bdiet tagħtih bil-protein shake, ma kissritux qabdet tagħtih bis-sikkina u xorta ma kissritux, qabditu u ħaditu.* In kontro-eżami mistoqsi dwar fiex kienu jikkonsistu l-messaġġi ta' theddid imsemmija mill-parte civile Silivanne D'Amato, l-Ispettur Attard wieġeb *messaġġi ta' tpattija, messaġġi bħal per eżempju qed jgħid "ġejja tiegħek", "ħa tbati ħafna", dawn it-tip ta' messaġġi.*

**PS583 Eman Grech**[14], xehed illi *jiena kont involut rigward rapport li kien sar rigward vjolenza domestika li kien sar fit-13 ta' Lulju ta' l-2018. … Fit-13 ta' Lulju għall-ħabta ta' l-erbgħa neqsin kwart ta' filgħodu kienu nfurmawni minn naħa tal-Control Room li ġewwa Triq San Dwardu, ħdejn il-ground tal-Fortini l-Birgu, kien hemm argument u kien hemm raġel li beda jagredixxi mara. Minn naħa tiegħi mort fuq il-post u rajt li l-argument kien ikkalma. Kont kellimt li Sylvianne D'Amato li qaltli li waqt li kienu fit-triq, kienu qed jargumentaw u x'ħin waslu l-Birgu, l-argument eskala u taha xi daqqiet ġo wiċċha. … Kienet ma' Justin James Grech li minnu għandha xi tfal ukoll kif spjegatli hi. Qaltli li kif ħareġ mill-karozza baqa' jiġri warajha u aggrediha. Jiena kellimtu lilu wkoll u ħadtlu l-verżjoni fejn qalli li għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta' filgħodu dakinhar stess telqu mill-Havana u qalli li kienu ġo party. Qalli waqt li kienu neżlin lura bdew jargumentaw, speċi l-istess verżjoni, u kif waslu l-Birgu hi aggredietu minn naħa tagħha. Jiena tlabthom iċ-ċertifikati mediċi u hu rrifjuta ma' l-ewwel li jġib ċertifikat, hi qaltli li kienet ser iġġib iċ-ċertifikat u baqgħet ma ġabitux u ħriġt akkużi minn naħa tiegħi rigward vjolenza domestika. … Tat-tnejn li huma taż-żewġ partijiet. … Wissejthom* [verbalment] *li bl-ebda mod ma javviċinaw lil xulxin, la bil-kliem u lanqas fiżikament.* PS583 Eman Grech ippreżenta r-Rapport tal-Pulizija dwar dan l-inċident markat Dok. "X" a fol. 157 sa' 159 tal-proċess.

**Dr. Martin Bajada** xehed waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2019[15] fejn essenzjalment iddikjara li huwa kien ġie nominat mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Sylvianne D'Amato" sabiex joħroġ il-kontenut minn fuq il-mobiles esebiti f'dawk il-proċeduri, li skontu huma wieħed ta' Silvianne D'Amato u l-ieħor ta' l-imputat Justin James Grech. L-Espert Tekniku Dr. Bajada ppreżenta u kkonferma bil-ġurament ir-Relazzjoni tiegħu li tinsab esebita bħala Dok. "MB" a fol. 196 sa' 352 tal-proċess.

---

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[15] Fol. 194 u 195 tal-proċess.

**L-imputat**, illi xehed minn jeddu waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[16], iddikjara li huwa kien iltaqa' mal-parte civile Silvianne D'Amato madwar sitt snin qabel u li mir-relazzjoni tagħhom twieldu żewġt itfal. Fir-rigward tar-relazzjoni tagħhom l-imputat iddikjara *ma kinitx l-aqwa relazzjoni. ... Sakemm kienet ħarġet tqila kollox kien sew imma wara t-tqala mbagħad kienet eżempju kif jasal is-Sajf titlaqni biex tkun tista' toħroġ ma' min trid toħroġ u tgawdi u hekk. Imbagħad kienet terġa' tasal ix-Xitwa u kienet trid tkun terġa' tirranġa miegħi and it was like playing with my emotions. ... Kienet tgħix miegħi Ħaż-Żebbuġ u kont ngħix magħha, daqqa hekk u daqqa hekk. ... Kien jiddependi fejn qed noqgħodu at the time għaliex l-ewwel bdejt Ħal Balzan meta konna fil-bidu, imbagħad kienet ħarġet tqila u Ħal Balzan kelli 2 sulari allura kelli nsib post ieħor ground floor fis-Siġġiewi so she came with me to Siġġiewi. Kont naħdem fuq ir-riggijiet taż-żejt and she did not want to stay there allura mbagħad morna noqogħdu ma' ommha. At the same time wasal is-Sajf allura kienet tara x'ħa tagħmel biex titlaqni over arguments.* Mistoqsi dwar argumenti bejniethom l-imputat wieġeb *il-ġlied kien ikun meta noħroġu. She could not control her alcohol and other things we used to do together. ... Substances. ... Kienet tiġi aggressiva and she would always be the first one to hit me or something to hit me and there were like 5 times before I at first ever laid a hand, kont ngħdilha "Please Sylvianne, ittinix" u kont nidhak. Kont ngħidilha "ma nafx għalfejn qed tagħtini għax minix se ntik lura". It was one of the sworn things that I would never do. There was a time where she had lied to me when she said that she went to work and she wasn't working but she was drunk in San Girgor in Marsaxlokk and all that and she kept lying to me. .... Baqgħet tigdeb u tigdeb. Kont ħriġtha fil-Mother's Day, qegħdin nitkellmu ma' ħbieb tagħba u kont staqsejtu kif kienu marru dakinhar fil-festa għax kienet taħdem miegħu u qalli "aħna ma ftaħniex" and it made me feel like an absolute idiot. ... Reġgħet telqitni fis-Sajf ta' dakinhar għaliex kelli d-dubji tiegħi li fuq Whatsapp tagħha kienet qed tibgħat lil irġiel oħra.* Mistoqsi għaliex kellu dawn id-dubji, l-imputat wieġeb *throughout the 8 hours of work she was always online, tidher online fuq Whatsapp. Jiena mbagħad kont nibgħatilha u kont ngħidilha ""Lil min qed tibgħat?" jew "Ma' min qiegħda". It would tell you on Whatsapp last seen per eżempju fit-tali ħin but it was constantly online.* Mistoqsi kif kien jaf dan, l-imputat wieġeb *għaliex nidħol mill-mobile tiegħi fuqha biex nibgħatilha chat. ... Kont immur fuqha u dejjem kont insibha online. Kull nofs siegħa dejjem kienet tkun online. Jekk tkun online sinjal li tkun qed titkellem ma' ħabib jew ħabiba ifhem. Imma peress li kienet tgħidli li jien miġnun u hekk meta kont ngħidilha għalfejn dejjem tkun online, kienet iktar tqajjimli dubju lili and that there was something wrong. Imbagħad ġiet id-dar u għidtilha biex nara lil min bdiet tibgħat u bdiet tkellimni ħażin. Then I grabbed her by the hand u għedtilha biex tpoġġi bilqiegħda u nitkellmu l-affarijiet. Hi qabdet u dawret idejha stess, qabdet twerżaq, ġibdet xagħrha, neżgħet iż-żarbun, qabdet titfagħli u ħarġet tiġri 'l barra u tgħajjat li kont qed insawwatha. Jien għedt li din il-mara ma tħobbnix, qbadt is-sim card fuq il-mejda u ħadtilha l-mobile u tlaqt 'l hemm.* Mistoqsi proprjetà ta' min kien dan il-mobile illi ħa, l-imputat wieġeb *prorpjetà tiegħi li tajtulha biex tużah għaliex hi kellha iPhone 6 u kien kissirulha t-tifel.* Meta ġie muri d-dokumenti esebiti minn Silvianne D'Amato a fol. 31 sa' 37, u l-messaġġi fihom, l-imputat iddikjara *parzjalment niftakar. Il-biċċa l-kbira kont inkun irrabbjat u naqra fis-sakra u hekk.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri dawk huma messaġġi li int bgħatt lilha?* l-imputat wieġeb *hemm minnhom iva* u mistoqsi għal meta jirrisalu, wieġeb li dawn kien jirrisalu għas-sajf ta' l-2018. Xehed ulterjorment illi *dak il-ħin kont inkun irrabbjat speċjalment bit-tfal. Hi kienet timpika miegħi allura jiena kont nimpika magħha u kienet tagħmel il-ħajja diffiċli għal xulxin.* Mistoqsi għalfejn kien kitbilha *"Inti li ġibt b'idejk issa u se tpatti għalihom ħafna. Jaqbillek tara x'se tagħmel għax jekk teħodni biċ-ċajt m'inix u se jiddispjaċik ħafna",* l-imputat wieġeb *għalfejn għedtilha hekk ma nafx. Jien ma niftakarx kollox imma hemm raġuni għalfejn forsi ntqal hekk.* In kwantu l-fastidju allegat minn Silvianne D'Amato, l-imputat iddikjara: *I wasn't harassing*

[16] Fol. 364 sa' 371 tal-proċess.

*her no. Hemm messaġġi suppost illi f'Novembru qabel ma sar meta ġejt nagħmel ir-rapport li tatni daqqa ta' sikkina, raqdet miegħi u hemm miktub li raqdet miegħi u suppost ma kenitx tersaq lejja imma xorta ġiet wara l-bieb tad-dar għaliex kienet tiġi meta jaqbel lilha. Biex toħroġ tixrob kienet tiġi u tagħtihomli t-tfal u kienet raqdet miegħi u għamlet weekend sħiħ torqod miegħi f'Marsaxlokk. Imbagħad il-ġimgħa ta' wara sar dak il-każ fejn ġiet id-dar meta għidtilha biex ma tiġix bil-messaġġi għaliex għandna l-Qorti u se tispiċċa targumenta miegħi għax għalhekk ġiet u xorta meta ftaħt il-bieb qabdet u daħlet id-dar, ħaditli l-mobile, kissrituli, tatni daqqa ta' sikkina u ġejt jiena nirrapporta l-Għassa taż-Żejtun.* Mistoqsti mill-Qorti *ħa nerġa' nurik id-dokumenti li għadu kemm uriek l-Avukat u rridek tarahom waħda waħda l-faċċati għaliex inti għidtli 'uħud minnhom". Tista' tispjegali kif uħud minnhom jekk kollha jidhru li ġejjin mill-istess username jekk jogħġbok? Hemm xi 7 faċċati*, l-imputat wieġeb *huma tiegħi* u għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti *kollha kemm huma jiġifieri hux hekk?* l-imputat wieġeb *iva hekk hu.*

**L-ewwel akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi akkużat talli ġewwa l-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel, fost oħrajn, uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew infomrazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex jakkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha. Jirriżulta għalhekk li l-imputat qed jiġi akkużat talli wettaq ir-reat kontemplat fl-**Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu - ... (i) tuża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha.*

L-Artikolu 337Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jinsab taħt is-Sub-Titolu V tat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali, liema Sub-Titolu jittratta Fuq l-Użu Mhux Kif Dovut tal-Computer. Kif diversi drabi osservat mill-qrati nostrali dan is-Sub-Titolu partikolari *ġie introdott fis-sistema penali tagħna permezz ta' l-Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VIII tas-sena 2015, liema liġi ġiet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta' l-Ingilterra. ... din il-Liġi kellha l-għan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioè: 1. L-aċċess mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter. 2. L-aċċess mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jiġi faċilitat l-kummissjoni ta' reati oħra. 3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat. Illi dan ifisser illi* ***l-għan tal-liġi kienet waħad u cioè li tissanzjona kull aċċess mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab maħżun/a f'sistema komputerizzata***[17]. In effetti l-element fondamenali tar-reati prospettati taħt dan is-Sub-Titolu tal-Liġi, inklużi għalhekk ir-reati elenkati fl-Artikolu 337Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni u fil-każ hawn speċifiku, li sar aċċess għal accounts u b'hekk għal informazzjoni mingħajr id-debita awtorizzazzjoni.

Aċċess mhux awtorizzat jinsab spjegat bil-mod segwenti: *access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled.* Fil-ktieb Criminal Practice, Blackstone jiddeskrivi *unauthorised access* bħala *access of any kind by any person*

[17] Il-Pulizija v. Leeroy Balzan, Appell Nru. 124/17, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2017.

*to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) he does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled.* Fil-ktieb Computer Law, ippubblikat minn Reed & Angel, fir-rigward tal-Computer Misue Act tar-Renju Unit, hemm provdut illi: *first, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer … Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program*[18].

Fil-każ in eżami, hekk kif jirriżulta mix-xhieda tal-parte civile Silvianne D'Amato, hija tallega li wara li ntemmet ir-relazzjoni tagħha ma' l-imputat huwa kien qed jaċċedi għall-accounts personali tagħha u jara l-messaġġi u anke ritratti li kellha mingħajr awtorizzazzjoni tagħha. Mhux hekk biss imma, dejjem tramite l-accounts tagħha, kien anke jsegwi ċerti spostamenti tagħha bħal ad eżempju darba minnhom huwa kien jaf li qiegħda tieġ, tant illi bagħtilha messaġġ fejn qalilha "enjoy", mingħajr ma hi kienet qaltlu li kellha u li kienet serja dan it-tieġ. Skond Silvianne D'Amato dan kien qed jagħmlu tramite mobile li meta kienu għadhom flimkien kienet tagħmel użu minnu hi iżda kif itterminaw ir-relazzjoni tagħhom f'Lulju 2018, l-imputat kien ħadulha kif kien, ossai fost affarijiet oħra bl-accounts tagħha miftuħin fuqu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u fix-xhieda tiegħu ċaħad li huwa kien jidħol fl-accounts tagħha. Di fatti rinfaċċjat bl-akkuża ta' Silvianne D'Amato fil-konfront tiegħu, ossia li kellha tbiddel l-accounts u l-mobile number għaliex kien il-ħin kollu jaċċedi għall-informazzjoni privata tagħha, l-imputat wieġeb *ovvjament naħseb li għamltihom hi jekk biddlet l-accounts, biddlet l-accounts. Jiġifieri jekk jiena kont nibgħatilha u ma kienux jidħlulha bilfors li biddlet l-accounts.* Huwa stqarr li qatt ma qalilha il-kliem *naf li biddilt l-accounts.* Nonostante dak affermat mill-imputat però, mill-estrazzjoni tal-messaġġi minn fuq il-mobile tiegħu u minn fuq il-mobile ta' Silvianne D'Amato, hekk kif ippreżentata fir-Relazzjoni ta' l-Espert l-Avukat Dr. Martin Bajada[19], tirriżulta verità differenti minn dak li hu pprova jagħti ad intendere quddiem il-Qorti.

Mill-estrazzjoni minn fuq il-mobile ta' l-għamla Samsung Galaxy J5 bis-serial number RV8J408Q0XJ u IMEI 356388 08 365875 6[20], li jirriżulta li huwa l-mobile phone ta' l-imputat, ħarġu diversi messaġġi skambjati bejn l-imputat u l-mobile bin-numru 79849958, li rriżulta li huwa n-numru tal-mobile ta' Silvianne D'Amato Fost dawn il-messaġġi, ta' importanza ċentrali għall-każ in eżami huma serie messaġġi skambjati bejniethom bejn id-29 ta' Awwissu 2018 u t-18 ta' Settembru 2018[21], perijodu ta' żmien li jaqa' sfiq entro l-perijodu indikat fl-akkuża fil-konfront ta' l-imputat. Minn dawn il-messaġġi jirriżulta li l-imputat kien jaf affarijiet dwar l-ħajja personali ta' Silvianne D'Amato meta kjarament ma kenitx l-istess Silvianne D'Amato li qaltlu dwarhom.

Il-messaġġi in kwistjoni huma dawk mibħguta mill-imputat fis-sens *miskien et jid dispejcini li il habib tijak bengel larqub ta siqu babe* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 15:48:24[22], *hu kemm naf iktar il problema ta dik il ahba habibtek kollox jasali al xi raguni u jien nithaq bikom haha xit trid tkun taf iktar li batlek il pcis ta tfal li Andek screenshot ta Tony li Andek screenshot ta vinu hu kemm naf careful who you shear with ruhi aw hafna srip* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 16:39:12[23], *imma jista' jkun li il mobile*

[18] *Ibid.*
[19] Dok. "MB" a fol. 196 sa' 352 tal-proċess.
[20] Fol. 202 sa' 266 tal-proċess.
[21] Fol. 237 sa' 243 tal-proċess.
[22] Fol. 243 tal-proċess.
[23] *Ibid.*

*hackjat hahaha so I might even know all your dirty whor chats hahaha* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 16:45:58[24], *so lovely of you to shear our love story lol* - messaġġ mibgħut fit-30 ta' Awwissu 2018 05:16:27[25], *manafx ala et taqta qisek tifla zajra ax eda barra bla sens ga atlek ma jinteresanix … insoma have fund at the wedding enjoy bewsa ot tfal* - messaġġi mibgħuta fl-14 ta' Settembru 2018 20:21:57 u 20:23:41[26],

Mir-risposti ta' Silvianne D'Amato għal dawn il-messaġġi ta' l-imputat, bħal ad eżempju *imma ala Adek tarali kollox* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 16:42:30[27]; *gifiri ihakjajtli il mobile ukoll prosit* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 16:48:13[28]; *jekk trid li jitranġaw l affarijiet bejnietna lewwel nett lili hallini bi kwieti u tibqax tindahali f hajjti u ejx hajtek…* - messaġġ mibgħut fl-1 ta' Settembru 2018 08:37:13[29]; *kif …. taf li andi wedding man* - messaġġ mibgħut fl-14 ta' Settembru 2018 20:23:41[30], jirriżulta b'mod ċar is-sens ta' fastidju w anke rabja li hija kienet tħoss għall-fatt li l-imputat, mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, kien ripetutament qed jaċċedi għall-accounts tagħha u minn hemm ikun jaf affarijiet dwar il-ħajja privata tagħha u effettivament jindaħlilha, mingħajr ebda raġuni loġika u wisq inqas legali, f'ħajjitha.

Il-mod kif l-imputat kien jaf dan kollu dwar il-ħajja privata ta' Silvianne D'Amato jirriżulta bl-iktar mod ċar minn messaġġi skambjati bejniethom fis-6 ta' Settembru 2018 bejn 07:04:09 u 07:06:20 u minn messaġġ ta' l-imputat lill-istess Silvianne D'Amato mibgħut fit-18 ta' Settembeu 2018 05:50:05. In effetti għall-messaġġ ta' Silvianne D'Amato mibgħut fis-6 ta' Settembru 2018 07.04.09, fejn hija takkużah li ***you tried to sign to my Google account again[31],*** l-imputat b'zewġ messaġġi mibgħuta dakinhar stess bejn 07:04:22 u 07:04:50 wieġeb li **xix minn wara lis skola gifiri. Le ta mamiktx hek 2 days ilu amikt hekk[32]**. B'messaġġ mibgħut lill-parti civile fit-18 ta' Settembru 2018 05:50:55, l-imputat għarraf lill-parte civile **GM your free now I see no more I have deleted the hack take care[33]**.

Minn dan kollu jirriżulta għalhekk illi l-imputat effettivament aċċeda għall-informazzjoni ta' Silvianne D'Amato mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha. L-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu: (a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata*. Il-fatt li r-relazzjoni ta' bejn l-imputat u Silvianne D'Amato intemmet f'Lulju 2018, jiġifieri x-xahar ta' qabel ma ntbagħtu dawn il-messaġġi, u ial-fatt li din ir-relazzjoni ma ntemmitx fl-aħjar mod bejniethom, huma iktar milli biżżejjed biex juru li Silvianne D'Amato ċertament ma tat lill-imputat l-ebda awtorizzazzjoni biex jaċċedi għall-accounts tagħha w effettivament isegwilha ħajjitha minn hemm. Il-fatt li l-imputat seta' kien qed jagħmel dan minn mobile li jikkontendi li kien tiegħu bl-ebda mod ma jbiddel is-sitwazzjoni stante li huwa effettivament kien qed jidħol fl-accounts personali ta' Silvianne D'Amato fir-rigward ta' liema ċertament ma kellu l-ebda dritt jew kontroll.

[24] Fol. 242 tal-proċess.
[25] Fol. 241 tal-proċess.
[26] Fol. 238 tal-proċess.
[27] Fol. 243 tal-proċess.
[28] Fol. 242 tal-proċess.
[29] Fol. 241 tal-proċess.
[30] Fol. 238 tal-proċess.
[31] Fol. 239 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.
[32] Fol. 239 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.
[33] Fol. 237 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.

Konsegwentement għalhekk ma hemmx dubju li l-imputat effettivament aġixxa in vjolazzjoni ta' dak provdut fl-Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tieni akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli ġewwa l-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel, ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil Silvianne D'Amato. Huwa evidenti li l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat kontemplat **fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[34], senjatament taħt is-subartikolu (1)(a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi**.

L-Artikolu 251A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna li: (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra... tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raħonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieb kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.* Is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li: (a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew (b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew (ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.*

Kif diversi drabi enunċjat mill-Qrati nostrali *r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliż "harassment") ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodiċi Kriminali* - hawn din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 251A ġie sostitwit bl-Att XIII ta' l-2018 li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2018, fejn iċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għar-reat ta' fastidju kif oriġinarjament kontemplati ġew estiżi, iżda ċ-ċirkostanza kontemplata fis-subartikolu (1)(a) kienet u baqgħet hemm u għalhekk dak kollu li se jiġi osservat iktar 'l quddiem dwar il-prinċipji ġuridiċi rilevanti japplika għal dan il-każ ukoll. *L-Artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. ... Il-Liġi fis-subinċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għall-fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: (causing ... distress") lill-persuna. ... Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Massimo Tivisini" [26.2.2009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - 7th edit. bħala:- "**words, conduct or action (usu. repeated and persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**[35]". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond*

[34] Sostitwit bl-Att XIII 2018 li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2018 - A.L. 154 ta' l-2018.
[35] Enfasi tal-Qorti.

*tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- "f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien"*[36].

Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ in eżami l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li bl-imġieba tiegħu l-imputat ta fastidju lil Silvianne D'Amato. Il-Qorti mill-ġdid tagħmel referenza għall-estrazzjoni tal-messaġġi mill-mobile phones ta' l-imputat u ta' Silvianne D'Amato kontenuta fir-Relazzjoni ta' l-Espert l-Avukat Dr. Martin Bajada[37] u b'mod partikolari għal dak li rriżulta mill-messaġġi skambjati bejniethom bejn id-29 ta' Awwissu 2018 u t-18 ta' Settembru 2018, già iktar 'l fuq estensivament ċitati. Minn dawn il-messaġġi, u b'mod partikolari mill-messaġġi ta' Silvianne D'Amato lill-imputat jirriżulta b'mod ċar li l-aġir ta' l-istess imputat kien qed jikkawżalha *annoyance* u *emotional distress*. Fil-messaġġi in kwistjoni hija appuntu tgħid lill-imputat *Imma ala Adek tarali kollox?* - messaġġ mibgħut fid-29 ta' Awwissu 2018 16:42:30[38]; *bongu jekk trid li jitrangaw l affarijit bejnietna lewwel nett lili hallini bi kwieti u tibqax tindahali f hajjti u ejx hajtek* - messaġġ mibgħut fl-1 ta' Settembru 2018 08:37:13[39]; *tibqax tiprova tidholi fuq l affarijit tiji ax issa xebbajtni* - messaġġ mibgħut fis-6 ta' Settembru 2018 07:01:38[40]; *la int ihakjajtuli il mobile lanqas xejn ma nista innizel e ax tarali kollox* - messaġġ mibgħut fis-6 ta' Settembru 2018 07:09:46[41]; *tibqax tamilli kumidji u titholli fuq l affarijit tiji u hallini kwieta* - messaġġ mibgħut fis-6 ta' Settembru 2018 07:15:17[42]; *naf li il birah Miltli search fuq l iPad tat tifel Meta ha tiqaf tiprova tara fuq hajjti Hallini kwieta u ejx hajtek* - messaġġ mibghut fl-14 ta' Settembru 2018 08:15:09[43]; *nipprova nkun nies mijak ima ma thalilix way ohra Sorry ha jkolli nerga niblpkjajk la montix nies enjoy your searching* - messaġġ mibgħut fl-14 ta' Settembru 2018 21:22:36[44].

Meqjus dan kollu b'mod oġġettiv u anke mill-lat ta' persuna raġjonevoli l-Qorti ma tistax għajr li tikkonkludi li dan l-aġir ta' l-imputat - li fiċ-ċert seħħ b'mod ripetut fuq diversi ġranet għal madwar xahar fiż-żmien wara li r-relazzjoni ta' bejn l-imputat u Silvianne D'Amato ġiet fi tmiemha, liema tmiem ma' kienx ċertament wieħed paċifiku - kien effettivament jikkostitwixxi invażjoni sfaċċata w ossessjonata, nonche illegali, tal-ħajja privata ta' Silvianne D'Amato u ma setgħax għajr li joħloq fiha *annoyance* u *emotional distress*. L-imputat imbagħad irrinkara d-doża, u b'hekk daħħal fiha element ta' biża' ukoll, bil-messaġġi ta' theddid lil Silvianne D'Amato *your gonna wish u didnt ... with me Min issa tibda hajtek int ha vera tkun taf xini tbatija Issa najdlek ... lilek Itlob hafna Int li gibt bidejk issa U ha tpatti alijom hafna Jaqbillek tara xha tamel ax jek wt tohodni bic cajt minix u ha jiddispjecik Hafna ... Int mhux ha thalisa Mur andom Amel li tista Ha tijak gejja Issa jew is sibli post fej noqot u thalas sa ma nigi fuq siqi jew hajtek infern al omrok Ax lili ... hajti U jien issa xbakt I want whats mine back ax in ha tbatti hafna*[45]*. Int mhux ha dum hajja. ... Nisma nimandek meta is sibli post in nah tujaj ax lilek qabel ma narak is sofri it tbatija lo batejt jien mux han halik kwita. U jek trid igibhom il familja et nistenna il gzira dejjem. Min ji jihu daqsek lest alikom kolla. Imma int tirqotx wahdek ax meta it tini laqas tkun taf li ijat hemm ... Int atlek trid is sibli post In naha tijaj U trod thalsu int sa ma nigi fsaqaja*

[36] Il-Pulizija v. Raymond Parnis, Appell Kriminali Nru. 97/09 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2009.
[37] Fol. 196 sa' 352 tal-proċess.
[38] Fol. 243 tal-proċess.
[39] Fol. 241 tal-proċess.
[40] Fol. 239 tal-proċess.
[41] *Ibid.*
[42]
[43] Fol. 238 tal-proċess.
[44] Fol. 237 tal-proċess.
[45] Dok. "SA1" a fol. 31 u 32 tal-proċess.

*... Ax mhux han hallik kwit u mux ha dum dgawdi. ... U jien amiltilek cara Ont hajja mand3k hafna Issa jew .... tamel liatlek Jew int ma dumx.*[46]

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu għalhekk jistax jitqies għajr li jikkostitwixxi vjolazzjoni ċara u ċerta ta' l-Artikolu 251A(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta da parte ta' l-imputat.

L-imputat da parte tiegħu ma ressaq l-ebda prova tat-tip elenakti fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u meta rinfaċċjat bil-messaġġi a fol. 31 u 32 u 34 sa' 37 tal-proċess, huwa pprova jiġġustifika lilu nnifsu bl-iskuża li kien irrabbjat u fis-sakar, skużi dawn li però li ma jistgħu jagħtu l-ebda sostenn jew suffraġju għall-aġur tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat isegwi li l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront tieghu.

**It-tielet akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

It-tielet akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija talli minn ġewwa l-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat. L-imputat għalhekk qed jiġi akkużat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika - (a) jhedded li jagħmel xi reat ... ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr. Alfred Grech** deċiża fid-19 ta' Lulju 2013, *l-għemil kontemplat fil-parafrafi (a) u (b)* [ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta] *jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħir theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubju li l-liġi fl-istess parafrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hu għemil xieraq...*

Meta l-messaġġi mibgħuta mill-imputat lil Silvianne D'Amata - Dok. "SA1" u Dok. "SA3" sa' Dok. "SA7" a fol. 31 u 32 u fol. 34 sa' 37 tal-proċess - jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipju hawn appena riportat, ma għandu jkun hemm ebda dubju li b'dawk l-istess messaġġi l-imputat kien qed jhedded li jagħmel reat fil-konfront tagħha u anke fil-konfront tal-familjari tagħha, theddida din, il-Qorti żżid tgħid, li hi ben speċifika. Kif già iktar 'l fuq osservat, il-fatt li l-imputat ipprova jiġġustifika dawk il-messaġġi - li ammetta li kien bagħthom huwa stess - billi jgħid li meta bagħthom kien irrabjat u fis-sakar, tali ġustifikazzjoni assolutament ma hijiex sostenibbli u bl-ebda mod ma tagħti spjega raġonevoli u wisq inqas tiġġustifika tali theddid da parte tiegħu fil-konfront ta' Silvianne D'Amato. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk fir-rigward tat-tielet akkuża wkoll l-imputat għandu jinstab ħati ta' tali akkuża hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

---

[46] Dok. "SA4" sa' Dok. "SA7" a fol. 34 sa' 37 tal-proċess.

**Ir-raba' akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

In fine l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs), fil-fond 8, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS583 E. Grech, uffiċjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu. U dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' tali akkuża però l-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova u addirittura ma saret l-ebda referenza, lanqas aċċenn minimu, għal dan l-allegat episodju. Fin-nuqqas ta' prova fir-rigward huwa evidenti li l-Qorti għandha tillibera lill-imputat mir-raba' akkuża hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll il-fedina penali ta' l-istess imputat, minn liema jirriżulta li hu già kellu kwistjonijiet oħra ma' Silvianne D'Amato. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni u t-tielet akkuża fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 202(h), 222(1)(a), 251A(1),(2),(3) u (4), 337Ċ(1)(i) u 337F(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputati ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija. Iżda peress illi fil-fehma tal-Qorti hemm raġunijiet in bażi għal liema l-imsemmi terminu ta' sentejn (2) priġunerija jiġi sospiż, senjatament il-kondotta relattivament nadifa ta' l-imputat minkejja episodju li già kellu ma' Silvianne D'Amato fil-passat, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tissosspendi t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' erba' (4) snin mill-llum.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Silvianne D'Amato. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Tali Ordni ta' Trażżin qed jiġi hawn impost taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tagħmilha ċara li siccome l-imputat u Silvianne D'Amato għandhom żewġt itfal minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Silvianne D'Amato limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali żewġt itfal mingħajr b'hekk ma jkunx qed jikser l-Ordni ta' Trażżin hawn impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat joħroġ 'l barra mill-limiti ta' din l-ezenzjoni limitata li qed issir, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Silvianne D'Amato għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal in kwistjoni jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Trazzin hawn impost fuqu u b'hekk jittieħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi.

Il-Qorti żżid u tagħmilha ċara li jekk fid-data ta' din is-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Silvianne D'Amato li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tfal minuri tiegħu u ta' Silvianne D'Amato, din is-sentenza u l-kondizzjoni E fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Trażżin impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Silvianne D'Amato. Fl-eventwalità li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Silvianne D'Amato, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-ezenzjoni limitata konċessa b'din is-sentenza u tal-kondizzjoni E imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Trażżin hawn maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

Għall-finijiet ta' dak li għadu kif ġie osservat u deċiż, a tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè li f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**